Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa b’ Urġenza tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

L-Erbgħa, 1 ta' Marzu 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-10.08pm

**52.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

51.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**52.2 No Objection- Festa ta' San Guzepp, Rabat**

52.2.1 Is- Sindku beda biex qal li ħassu li kellu jsejjaħ laqgħa b'urġenza wara l-fatti li ġraw fl-ahhar 24 siegħa.

52.2.1.1 Is- Sindku qal li kif jaf il-Kunsill, kienet ttieħdiet deċizjoni li ninfurmaw lil Arċikonfraternita ta' San Guzepp li biex jkun jista' jittella' n-nar minn fuq il-pont iġibu *clearance* mingħand id- Dipartiment tax- Xogħolijiet li għadhom kemm intefqu 'l fuq minn nofs miljun mill-Gvern Centrali għal manutenzjoni ta' dan il-pont. La darba jkollna dan il-*clearance* tinħareġ ssoltu *no objection* mill-Kunsill biex ikun jista' jinħareġ il-permess mill-pulizija.

52.2.1.2 Sfortunatament dan il-*clearance* mingħand id- Dipartiment tax- Xogħolijiet ma waslax għax qed jikkontendu u jinsistu li dak l-abbozz ta' ftehim għal manutenzjoni tal-pont, aħna bħala Kunsill għandna nersqu għal ffirmar biex b'hekk tgħaddi f'idejna r-responssabbilta'ta' dan il-pont wara li tgħaddi l-garanzija. Fid-dawl ta' dan, l-Arċikonfraternita ta' San Guzepp spiċċaw darhom mal-ħajt u meta' raw li seta' jiġri l-kaz li fil-Festa ma jittellax n-nar fil-jiem tal-festa, kien hemm pressjoni kbira minn terzi fejn saħansitra l-Kunsill kien ser jinzamm responsabbli ta' għemilu u tittieħed azzjoni legali fil-konfront tal-Kunsill.

52.2.1.2 Għaldaqstant bħala Sindku huwa kellu jieħu deċizjoni mhux tant faċli quddiem dawn il-fatti fejn wara li kkonsulta mas- segretarju ezekuttiv ġie deċiz li bla preġudizzju in-No Objection tinħareġ mill-Kunsill biex ma nagħmlux intoppi lil organizzaturi tal-Festa ta' San Guzepp u l-ħruq tan-nar ikun jista' jittella'

52.2.1.3 Il-Kunsill fehem l-urġenza tad- deċizjoni delikata li kellha tittieħed u filwaqt li jiddeplora kull tip ta' intimidazzjoni ġejja min fejn ġejja, definittivament huwa jerga' jtenni li mhux ser jersaq għal-ftehim biex jieħu r-responsabbilta' ta' dan il-pont kif gie deċiz fil-laqgħa ta' qabel.

**52.3 Tmiem tal- Laqgħa**

52.3.1 Il-laqgħa ntemmet fil- 10.33pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___13 ta' Marzu 2023__